

31994R2926

L 307/56

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

1.12.1994

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2926/94
tat-30 ta' Novembru 1994**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2177/92 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati sabiex jiġu applikati l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista għall-Azores, il-Madeira u l-Gżejjer Kanarji rigward iz-zokkor u r-Regolament (KEE) Nru 1713/93 rigward ir-rati tal-kambju agrikolu fis-settur taz-zokkor

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/92 tal-15 ta' Ġunju 1992 li jikkonċerna miżuri speċifiċi għall-Gżejjer Kanarji rigward ċerti prodotti agrikoli ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1974/93 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikoli 3(4) u 7 (2) tiegħu,

Billi r-regoli dettaljati sabiex jiġu applikati l-arranġamenti speċjali ta' provvista għall-Azores, il-Madeira u l-Gżejjer Kanarji rigward iz-zokkor huma stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2177/92 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1443/94 ⁽⁴⁾;

Billi r-regoli komuni dettaljati l-ġodda sabiex jiġu implimentati l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista ta' ċerti prodotti agrikoli lill-Gżejjer Kanarji stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2790/94 ⁽⁵⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2883/94 ⁽⁶⁾, li jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1994, ma jistabbilix iktar li għandha tkun iddepożitata garanzija qabel ma jinħareġ iċ-ċertifikat ta' l-ghajjnuna u jiddefinixxu okkażjoni oħra ta' operat għar-rata li trid tiġi użata sabiex il-ghajjnuna għall-provvista tiġi konvertita f'peseta Spanjoli; billi, għalhekk, għandhom isiru l-emendi korrispondenti rigward il-Gżejjer Kanarji lir-Regolament (KEE) Nru 2177/92 u lir-Regolament (KEE) Nru 1713/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati speċjali sabiex jiġu applikati r-rati agrikoli tal-kambju fis-settur

taz-zokkor ⁽⁷⁾, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2627/93 ⁽⁸⁾, sabiex jibdwew iseħħu mill-1 ta' Diċembru 1994;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaz-Zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-paragrafu 5 li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2177/92:

"5. Il-paragrafi ta' hawn fuq m'għandhomx japplikaw rigward tal-Gżejjer Kanarji."

Artikolu 2

Fil-punt XVI (c) ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 1713/93, il-kelmiet "u l-Gżejjer Kanarji" huma mħassra.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1994.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Novembru 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 173, tas-27.6.1992, pġ. 13.

⁽²⁾ ĠU L 180, tat-23.7.1993, pġ. 26.

⁽³⁾ ĠU L 217, tal-31.7.1992, pġ. 71.

⁽⁴⁾ ĠU L 157, ta' l-24.6.1994, pġ. 4.

⁽⁵⁾ ĠU L 296, tas-17.11.1994, pġ. 23.

⁽⁶⁾ ĠU L 304, tad-29.11.1994, pġ. 18.

⁽⁷⁾ ĠU L 159, ta' l-1.7.1993, pġ. 94.

⁽⁸⁾ ĠU L 240, tal-25.9.1993 pġ. 19.